# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 389/15 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 3018/2015 imressqa a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet:**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Vincent Attard**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn Vincent Attard nhar it-30 ta' Dicembru 2015 fejn espona:

*"Illi l-esponenti qieghed jopponi ghall-pretensjoni u ghat-talba ta' hlas vantati mill-intimat, u dan senjatament ghas-segwenti ragunijiet:*

*Billi fl-ewwel lok, l-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi hija nulla u bla effett stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti mitluba mill-Artikolu 466 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar id-dikjarazzjoni mahlufa li ghandha ssir, tant illi l-ammont komplessiv indikat bhala dovut huwa ferm iktar mill-ammonti ndividwali ndikati bhala komponenti l-pretensjoni ta' l-intimat, u ghalhekk l-esponenti qed jigi ppregudikat fid-difiza tieghu.*

*Billi fit-tieni lok, u bla hsara ghall-premess, l-intimata m'ghandhiex il-legittimazzjoni attiva biex tipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Billi fit-tielet lok, u bla hsara ghall-premess, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur tal-millantazzjoni dwar l-ammont reklamat b'rabta mal-kont bin-numru 101000108618, u dan billi kull ammont talvolta dovut in konnessjoni mal-kont appena citat huwa dovut mill-kumpanija Toolsman Hardware Limited.*

*Billi fir-raba' lok, u bla hsara ghall-premess, l-esponenti lanqas ma huwa legittimu kontradittur ghal dak li jirrigwarda l-kont bin-numru 101000074823, u dan billi kull pretensjoni dwar dan il-kont kellha tigi rivolta fil-konfront tal-assocjazzjoni kondominali li tamministra l-partijiet komuni tal-blokk bini indikat.*

*Billi fil-hames lok, u bla hsara ghall-premess, il-procedura adoperata mill-intimat tista' tintuza biss b'rabta ma' ammonti dovuti ghall-provdiment ta' ilma u elettriku u ghall-kiri ta' meters relatati, u xejn aktar.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-pretensjoni u t-talba vantata mill-intimat permezz ta' l-ittra ufficjali*

*fl-ismijiet hawn fuq premessi huma assolutament infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dan previa kull provvediment iehor opportun.*

*Bl-ispejjez, kontra l-istess intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni, u b'riserva ghal kull raguni u oggezzjoni ohra li tista' tkun talvolta spettanti lill-esponenti."*

Rat ir-risposta pprezentata fis-17 ta' Frar, 2016 minn Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited (C-46054) f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fejn eccepixxa:

*"Illi t-talba kif kontenuta fir-rikors tal-intimat hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta' esponenti fl-ammont ta' hamest elef, disa' mija u sitt Ewro u disgha u tmenin centezmu (€5906.89), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skont il-Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000072046 ossia dwar il-fond bl-indirizz Flat 1, Ashgill Court, Triq Censu Busuttil, Fgura, liema ammont jammonta ghal elf, tlett mija u tlieta u sebghin Ewro u disghin centezmu (€1373.90) u in kwantu l-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000074823 l-ammont ta' tlett mija, erbgha u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€354.42) ossia il-fond bl-indirizz 56, Ashgill Court C/P, Triq Censu Busuttil, Fgura u in kwantu l-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000108618 l-ammont ta' elf, sitt mija u ewro u wiehed u disghin centezmu (€1601.91) ossia l-fond bl-indirizz Toolsman Hardware Ltd, Vjal*

*Sir Paul Boffa, Zejtun, u in kwantu l-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000105317 l-ammont ta' elfejn, hames mija sitta w sebghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2576.66) ossia l-garage 'V. Attard Works', St. Thomas Street, Tarxien.*

2. *Illi d-dikjarazzjoni mahlufa tas-socjeta' esponenti tindika l-ammont komplessiv dovut mill-intimat fis-somma ta' €5906.89 liema ammont huwa cert, likwidu u dovut. Illi l-kont tas-servizzi bin-numru 101000105317 li bi zvista ma giex specifikatament indikat fid-dikjarazzjoni huwa wiehed minn erba' kontijiet intestati fuq isem l-intimat bl-ammont ta' €2576.66, liema ammont sal-lum ghadu dovut lis-socjeta' esponenti. Illi l-fatt li dan il-kont ma giex specifikat fid-dikjarazzjoni, bl-ebda mod ma jgib in-nullita' tal-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi u inoltre l-intimat irid jipprova l-allegat pregudizzju fid-difiza tieghu.*

3. *Illi in kwantu ghal dak allegat fir-rikors tal-intimat rigwardanti l-kont bin-numru 101000108618, u cioe' illi l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur, din ukoll ghandha tigi respinta stante illi dan il-kont huwa registrat fuq isem l-intimat Vincent Attard li fil-21 ta' Mejju 2015 dahal fi ftehim mas-socjeta' esponenti li permezz tieghu intrabat li jhallas l-ammont dovut minnu permezz ta' pagamenti mensili. Kopja tal-ftehim qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument LA1.*

4. *Illi in kwantu ghall-kont bin-numru 101000074823, dan ukoll huwa intestat fuq isem l-intimat Vincent Attard u ghalhekk kwalunkwe ammont pendenti huwa dovut minnu personalment u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

5. *Illi fir-rigward tal-kont bin-numru 101000072046 ossia dwar il-fond bl-indirizz Flat 1, Ashgill Court, Triq Censu Busuttil, Fgura liema ammont jammonta ghal elf, tlett mija u tlieta u sebghin Ewro u disghin centezmu (€1373.90) l-intimat obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont permezz ta' pagamenti mensili u dan kif jirrizulta mill-annessa skrittura datata 21 ta' Mejju 2015 u li qed tigi mmarkata bhala Dokument LA2. Dan il-kont ma giex kontestat mill-intimat fir-rikors tieghu.*

6. *Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali ntavolata appozitament taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghadu dovut fl-intier tieghu.*

7. *Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi mill-mittenti sabiex ihallas l-ammont dovut izda dan sar inutilment kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Illi di piu' ma hemm l-ebda raguni valida ghal din l-inadempjenza u l-intimat qatt ma kkontesta l-ammont dovut.*

8. *Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat inkluzi dawk tal-ittra ufficjali."*

Rat in-nota tal-intimat Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma prezentata fl-atti seduta stante nhar is-6 ta' April 2016 li permezz taghha huwa rregistra ammissjoni tat-talba rikorrenti fis-sens limitatament minhabba l-ewwel talba tar-rikorrenti u cioe' li l-proceduri huma irritwali u dan sabiex b'hekk ikun f'posizzjoni li jirregola ruhu ahjar.

**Ghaldaqstant in vista ta' din l-ammissjoni din il-Qorti qieghda tiddikjara l-pretensjoni u t-talba vantata mill-intimat permezz ta' l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3018/2015 infondata u ghalhekk qed tichad r-risposta tal-**

**intimat u konsegwentement tordna li tali att gudizzjarju m'ghandux jottjeni titolu ezekuttiv.**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha karigu ta' l-intimat nomine.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**